# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/1243

## tat-18 ta' Lulju 2022

## li timplimenta d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK tal-15 ta' Ottubru 2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) u (3) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-15 ta' Ottubru 2012, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2012/642/PESK.

(2) Wara evalwazzjoni taċ-ċirkostanzi rilevanti, jenħtieġ li titħassar entrata waħda mil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2012/642/PESK.

(3) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2012/642/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

L-Anness I għad-Deċiżjoni 2012/642/PESK huwa emendat f'konformità mal-Anness għal din id-Deċiżjoni.

### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data wara dik tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Lulju 2022.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. BORRELL FONTELLES

([1]) ĠU L 285 17.10.2012, p. 1

*ANNESS*

L-entrata li ġejja titħassar mil-lista li tinsab fit-Taqsima B ("Persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmija fl-Artikolu 4(1)") tal-Anness I għad-Deċiżjoni 2012/642/PESK:

"23. Cham Wings Airlines".